Nru. 18,024
Prezz 16ċ
Price 16c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2007
Thursday, 25th January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 70

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Deputat Reġistratur fil-Qrati tal-Ġustizzja - Għawdex

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 27 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva lil Silvana Grech, *(Assistant Principal)* biex taqdi d-dmirijiet ta' Deputat Reġistratur skond il-liġi għal perjodu ta' tliet snin, fil-Qrati u Tribunali (Għawdex).

Il-25 ta' Jannar, 2007
MJ/96/1992/V

Nru. 71

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Elisa Falzon, bħala Nutar delagat/konservatur ta' l-atti tan-Nutar Dottor Pierre Attard, sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-gżejjer matul il-perjodu mit-28 ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgħa (28/01/2007) sal-wieħed u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (21/02/2007).

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

JOELLE CAMILLERI B.COM., MBA (LEIC.)
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-23 ta' Jannar, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 70

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Deputy Registrar at the Courts of Justice - Gozo

IN exercise of the powers vested in him by section 27 of the Code of Organisation and Civil Procedure, Chapter 12 of the Laws of Malta, the Minister for Justice and Home Affairs has approved that Silvana Grech, (Assistant Principal) to perform the duties of Deputy Registrar according to law for a period of three (3) years at the Courts and Tribunals (Gozo).

25th January, 2007

No. 71

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CHAPTER 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Doctor Elisa Falzon as a delegate keeper of the acts of Notary Doctor Pierre Attard during the latter's absence from these Islands from the twenty-eighth of January, of the year two thousand and seven (28/01/2007) till the twenty-first of February, of the year two thousand and seven (21/02/2007).

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

JOELLE CAMILLERI B.COM., MBA (LEIC.)
F/Registrar,
Court of Revision of Notarial Acts

23rd January, 2007

Nru. 72

ATT-DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 ta' l-Atti dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Mary Camilleri Cutajar bħala Nutar delagat/konservatur ta' l-atti tan-Nutar Mary Mariella Mizzi, u tan-Nutar Joseph Felix Abela (mejjet), sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-gżejjer matul il-perjodu bejn nhar l-Erbgħa 17 ta' Jannar, 2007 u l-Erbgha 24 ta' Jannar, 2007.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

ALEXANDRA FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It-23 ta' Jannar, 2007

No. 72

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Doctor Mary Camilleri Cutajar as a delegate keeper of the acts of Notary Doctor Mary Mariella Mizzi and that of the deceased Notary Doctor Joseph Felix Abela during the latter's absence from these Islands for the period starting Wednesday 17th January, 2007 till Wednesday 24th January, 2007.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

ALEXANDRA FARRUGIA
F/Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

23rd January, 2007

Nru. 73

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 73

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr P Scerri	Direttur Ġenerali *Director General*	Dwana *Customs*	12-17.12.2006

Il-25 ta' Jannar, 2007

25th January, 2007

Nru. 74

AKKWIST TA' ART

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 61 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,022 bid-data tat-23 ta' Jannar, 2007, ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi t-titlu fil-verżjoni bl-Ingliż *"Acquisition of Land at Mosta"* f'paġna 411 kellu jkun:

"Premises in Triq it-Teatru l-Antik, c/m Triq l-Ifran, Valletta".

Il-25 ta' Jannar, 2007

No. 74

ACQUISITION OF LAND

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 61 published in Government Gazette No. 18,022 dated 23rd January, 2007, it is notified for general information that the title in the Enlish version *"Acquisition of Land at Mosta"* on page 411 should have read:

"Premises in Triq it-Teatru l-Antik, c/m Triq l-Ifran, Valletta".

25th January, 2007

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

L-Avviż mill-Kummissjoni Elettorali bid-data tal-25 ta' Jannar, 2007, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tar-Regolament 15(2) tat-Tielet Skeda ta' l-Att Nru. XV ta' l-1993.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-25 ta' Jannar, 2007

Avviż mill-Kummissjoni Elettorali

Il-Kummissjoni Elettorali mwaqqfa skond l-artikolu 60 tal-Kostituzzjoni b'dan tgħarraf li, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, se ssir elezzjoni fil-lokalitajiet ta' Birgu, Qormi, Siġġiewi, Attard, Birżebbuġa, Floriana, Gżira, Għargħur, Ħamrun, Kerċem, Luqa, Marsaxlokk, Mosta, Munxar, Paola, Qala, Safi, San Lawrenz, Santa Luċija, Swieqi, Xagħra u Żebbuġ (Għawdex), nhar is-Sibt, l-10 ta' Marzu, 2007.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Il-25 ta' Jannar, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 6

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Jannar 2007 mis-1.00 p.m.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

The Notice by the Electoral Commission dated 25th January, 2007, reproduced hereunder, is published for the purposes of Regulation 15(2) of the Third Schedule of Act No. XV of 1993.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

25th January, 2007

Notice by the Electoral Commission

The Electoral Commission established in terms of section 60 of the Constitution hereby notifies that in virtue of the provisions of the Local Councils' Act, 1993, an election is being held in the localities of Birgu, Qormi, Siġġiewi, Attard, Birżebbuġa, Floriana, Gżira, Għargħur, Ħamrun, Kerċem, Luqa, Marsaxlokk, Mosta, Munxar, Paola, Qala, Safi, San Lawrenz, Santa Luċija, Swieqi, Xagħra and Żebbuġ (Gozo) on Saturday, 10th March, 2007.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

25th January, 2007

POLICE NOTICE

No. 6

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Valletta

On Friday, 26th January 2007 from 1.00 p.m. onwards

'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Merkanti mill-Pjazza ta' Kastilja, San Ġwann minn ir-Repubblika sal-Merkanti, Melita minn ir-Repubblika sal-Merkanti, Repubblika minn Bieb il-Belt sa l-Arċisqof, Nelson minn ħdejn il-Monument tal-Gwerra sa Bieb il-Belt, il-pont ta' bejn il-venda u Bieb il-Belt, l-Ordinanza minn il-Kavallieri u r-Repubblika.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Jannar, 2007

through the following streets: il-Merkanti between Baviera and Pjazza ta' Kastilja, San Ġwann between ir-Repubblika and il-Merkanti, Melita between ir-Repubblika and il-Merkanti, Repubblika between City Gate and l-Arċisqof, Nelson between War Memorial and City Gate, City Gate Bridge, l-Ordinanza between il-Kavallieri and ir-Repubblika.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

25th January, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 ta' l-2007

Barkun mgħarraq f'Xatt il-Knisja, il-Port il-Kbir

Il-baħħara għandhom jinnotaw li għereq barkun fil-pożizzjoni:–

Latitude (N)

35°52'.845

Longitude (E)

14°30'.007

Dan il-barkun mgħerreq mhux immarkat u l-anqas fond huwa ta' 0.9m miċ-*Chart Daturm*.

Chart effettwata: BA 177.

Il-25 ta' Jannar, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 5 of 2007

Sunken Barge at Church Wharf - Grand Harbour

Mariners are to note that a barge has sunk in position:–

Longitude (E)

14°30'.007

This wreck is unmarked and least depth is of 0.9m from Cart Datum

Chart affected: BA 177.

25th January, 2007

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Se jsiru xogħlijiet nhar il-Ħadd it-28 ta' Jannar 2007 bejn l-4.00 a.m. u t-8.00 p.m. fix-Xatt, Tas-Sliema (bejn Triq il-Madonna tas-Sacro Cuor u Triq Manwel Dimech). Karreġġata tat-traffiku li jkun ġej mill-Gżira għal Tas-Sliema se tkun magħluqa iżda t-traffiku kollu jiddawwar għall-karreġġata l-oħra.

Ħadd ma jista' jipparkja fix-Xatt quddiem il-post fejn qed jinbena (jiġifieri Sliema Hotel sa Portside) u vetturi pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-25 ta Jannar, 2007

SLIEMA LOCAL COUNCIL

Works will be carried out next Sunday 28th January 2007 between 4.00 a.m. and 8.00 p.m. at the Strand Sliema (between Triq Madonna tas-Sacro Cuor and Triq Manwel Dimech). One lane traffic coming from Gżira to Sliema will be closed but all traffic will be diverted onto the other lane.

No parking is allowed in the Strand in front of construction site (ie next to Sliema Hotel up to Portside) and parked cars will be towed away.

25th January, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

137

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-15 ta' Jannar, 2007 fuq rikors ta' DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT TAL-BINI U INĠINERIJA ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 12 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-15 ta' Jannar, 2007 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GATT JOSEPH.

1. Van Bedford Reg. No. AMG-056.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 19 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15 January, 2007 on the application of DIRETTUR TAD-DIPARTIMENT TAL-BINI U INĠINERIJA, Monday, 12th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 15th January, 2007 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of GATT JOSEPH.

1. Bedford Van Reg. No. AMG-056.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 19th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

138

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-28 ta' Novembru, 2006 fuq rikors ta' FOX MARY ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 7 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SEGUNA SABRINA.

1. Vettura Nissan Reg. No. LCE-484.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, it-12 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 28th November, 2006 on the application of FOX MARY, Wednesday, 7th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 28th November, 2006 to be held at 149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA of the following items seized from the property of SEGUNA SABRINA.

1. Motor Vehicle Nissan Reg. No. LCE-484.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 12th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

139

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fil-25 ta' Ottubru, 2006 fuq rikors ta' HARBOUR MANAGEMENT LTD ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 5 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2006 li għandu jsir f'Manoel Island Marina, Gżira, ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti mingħand BUSUTTIL JOHN.

1. Yacht bl-isem ta' Esmeralda.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 12 ta' Jannar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 25th October, 2006 on the application of HARBOUR MANAGEMENT LTD, Monday, 5th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th October, 2006 to be held at Manoel Island Marina, Gżira, of the following items seized from the property of BUSUTTIL JOHN.

1. Yacht named Esmeralda.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 12th January, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

140

B' dan l-Avviż ikun magħruf illi b' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-5 ta' Jannar 2007, minn Phyllis sive Filippa Attard et, Rikors numru 11/2007, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur ta' l-istess Phyllis sive Filippa Attard u dan fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u favur Frances mart Ian Beck u Carmen Attard u dan fi kwota ta' kwart (1/4) indiviz kull wieħed u waħda minnhom is-SUĊĊESSJONI ta' Leonard Attard, bin il-mejtin Francesco u Concetta neé Ciantar imwieled Żebbuġ, Malta u kien joqgħod San Ġiljan, fejn miet fit-12 ta' Lulju 2006, ta' 70 sena u kellu karta ta' l-identità numru 631763(M) u li miet bla testament u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ tal-bandu biex jiġi mgħarraf kull minn ikollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b' nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 22 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of an application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) on the 5th January 2007, by Phyllis sive Filippa Attard et, Application number 11/2007, whereby they asked that it be declared open in favour of the same Phyllis sive Filippa Attard and this in the quota of one-half (1/2) undivided share and in favour of Frances wife of Ian Beck and Carmen Attard and this in the quota of one-fourth (1/4) in favour of each one of them the SUCCESSION of Leonard Attard, son of the late Francesco and Concetta neé Ciantar, born in Żebbuġ, Malta and lived in St. Julian's, where he died on the 12th July 2006, aged 70 and who had identity card number 631763(M) and who died intestate and thus the issuing of the bann was ordered so that any interest party be notified.

Thus whoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 22nd January 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LLD.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

141

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Diċembru 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Citadel Insurance plc (C21550) ta' 36, Casa Borgo, Market Street, Floriana, ippreżentaw Talba fid-9 ta' Ġunju 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmen Zammit ta' 349, Triq Ħaż-Żabbar, il-Fgura, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tliet mija u wieħed u sittin lira Maltija (Lm361) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (1268/05PBC) hija differita għat-30 ta' Jannar 2007 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 22 ta' Jannar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th December 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Citadel Insurance plc (C21550) of 36 Casa Borg, Market Street, Floriana, filed a Claim on the 9th June 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmen Zammit of 349, Triq Ħaż-Żabbar, Fgura to pay the plaintiff company the sum of three hundred and sixty one Maltese liri (Lm361) which amount is due to the plaintiffs company.

With costs and legal interest.

The case (Claim Number 1268/05PBC) is put off on the 30th January 2007 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 22nd January 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

142

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2007 mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-avviż li jidher hawn taħt sabiex iservi ta' notifika għall-fini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenut Victor Camilleri ta' 24, Triq l-Arċipriet Saver Cassar, Victoria, Għawdex.

Maltacom plc ta' Spencer Hill, Marsa, Malta (C22334) ippreżentat Avviż tat-Talba fit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Għawdex) – Talba numru 26/2006 fl-ismijiet "Maltacom plc versus Victor Camilleri" – fit-8 ta' Ġunju 2006 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Victor Camilleri ta' 24, Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Victoria, Għawdex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm399.51 in konnessjoni mas-servizz tat-telefon Bl-ispejjeż u bl-imgħax relattiv.

Il-każ huwa differit għas-7 ta' Frar 2007 fil-11.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Illum 24 ta' Jannar 2007

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur

IT IS hereby notified that by virtue of a decree given on the 17th January 2007, the Small Claims Tribunal (Gozo) ordered the publication of the following notice for the purposes of service in terms of section 187(3) of Cap. 12 of the Laws of Malta in respect of defendant Victor Camilleri of 24 Triq l-Arcipriet Saver Cassar, Victoria, Għawdex.

Maltacom plc of Spencer Hill, Marsa, Malta (C22334) filed a Notice of Claim in the Small Claims Tribunal (Gozo) – Claim Number 26/2006 in the names "Maltacom plc versus Victor Camilleri" – on the 8th June 2006 wherein it requested the Tribunal to condemn the defendant Victor Camilleri of 24, Arc. Saver Cassar Street, Victoria, Gozo to pay the plaintiff company the sum of Lm399.51 in connection with telephone services. With expenses and the relative interest.

The case is differed to 7th February 2007 at 11.00 a.m

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
This 24th January 2007

ANTHONY MIZZI
Deputy Registrar

143

Ikun jaf kulħadd, illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Novembru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Pilstri Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati Pilastri Ltd, Alexander Scicluna u Oswald Scicluna a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 26 ta' Mejju 2006.

1. Pilastri Ltd.
2. Alexander Scicluna
3. Anton Scicluna
4. Oswald Scicluna.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ta' Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkkara, jinterpellakom ai termini ta' l-art. 66 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta'

It is hereby notified that the First Hall Civil Court, by means of a decree given on the 8th November 2006, in the records of the judicial letter, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Pilastri Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents Pilastri Ltd, Alexander Scicluna and Oswald Scicluna, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 26th May 2006.

1. Pilastri Ltd.
2. Alexander Scicluna
3. Anton Scicluna
4. Oswald Scicluna.

By the present the Commissioner for Value Added Tax of Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara, calls upon you in terms of art. 66 of Act XXIII of 1998, so that within two days (2) from the service of this act you pay the amount

dan l-att tħallas l-ammont ta' mija erbgħa u erbgħin elf, sitt mija u wieħed liri Maltin u tlieta u għoxrin ċenteżmu (Lm144,601.23) rappreżentanti ammont dovut minnkom skond l-Att imsemmi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat fil-15 ta' April 2006.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tagħrfu timxu.

Notifika: 1. Pilastri Ltd, Ħal Farruġ, Luqa.
2. Alexander Scicluna, 89, Triq San Ġorġ, Luqa.
3. ...Omissis...
4. Oswald Scicluna, 100, Vallisneria, Triq Wilġa, Luqa.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Jannar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

of one hundred forty four thousand six hundred and one Maltese Liri and twenty three cents (Lm144,601.23) representing amount due by according to the same Act.

With costs and interests, according to that Act till the date of the effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particulary but not exclusively in order to render executable the executive title that the same Commissioner for Value Added Tax has against by means of the Notice sent on the 15th April 2006.

Failing which, the interpellants warns you that he shall pass to to execute the said executive title by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to proceed.

Notify: 1. Pilastri Ltd, Ħal Farruġ, Luqa.
2. Alexander Scicluna, 89, San Ġorġ Street, Luqa.
3. ...Omissis...
4. Oswald Scicluna, 100, Vallisneria, Wilġa Street, Luqa.

Registry of the Superior Courts, today 22nd January 2007.

ADV, DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

144

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fit-18 ta' Jannar 2007 (Digriet numru 3/2007, wara rikors numru 73/2006) ġiet INTERDETTA mill-atti kollha tal-ħajja ċivili ANNA AZZOPARDI, xebba, bint il-mejtin Antonio Azzopardi u Saveria neé Hili, imwielda u toqgħod ix-Xagħra, Għawdex (Karta ta' l-Identità numru: 73632(G)).

In-neputi tagħha Thomas Cutajar, ġie bl-istess digriet nominat kuratur tagħha.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 18 ta' Jannar, 2007

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur

IT is hereby notified that in virtue of a decree given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction on the 18th January 2007 (Decree number 3/2007, following application number 73/2006) ANNA AZZOPARDI, daughter of the late Antonio Azzopardi and the late Saveria neé Hili, born in and residing in Xagħra, Gozo (Identity Card number: 73632(G)) has been INTERDICTED from all acts of civil life.

Her nephew Thomas Cutajar, has been nominated as her curator, by virtue of the said decree.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Voluntary Jurisdiction.

This 18th January, 2007

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*